MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Numru. 89/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carmel Galea bin Emanuel u Josephine nee' Cassar, imwieled fit-23 ta' Awwissu, 1956 u residenti fil-fond numru 5, Triq l-Ghadira, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 47956(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmel Galea li gie akkuzat talli f'Novembu 2007 u anki fis-snin ta' qabel f'Ghawdex:

1) Bhala persuna illi ftiehem li jbiegh li biegh jew xort'ohra nehha l-vettura bil-mutur tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAT 306 naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti

avviz bil-miktub dwar dan lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (Reg 29(1) A.L. 476/04);
2) Talli meta biegh jew xort'ohra ttrasferixxa lil Noel Sultana mix-Xaghra, Ghawdex il-vettura DAT 306 naqas li jimla kif suppost u jghaddi lil ADT il-formola dwar it-trasferiment tal-vetturi li tinsab mac-certifikat tar-registrazzjoni tal-vettura (Reg 29 (2) A.L. 476/04);
3) U talli bhala l-propjetarju tal-vettura DAT 306 naqas li jinforma minnufih lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u jikkonsenja lill-istess awtorita' c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura meta din giet meqruda, zarmata, saritilha hsara li ma tissewwiex, intilfet jew tnehhiet b'mod permanenti minn Malta (Reg 11 A.L. 476/04);
4) u fl-istess perjodu ta' zmien, meta kien fil-pussess tal-pjanci tar-registrazzjoni DAT 306 ippermetta li dawn jew wahda minn dawn iz-zewg pjanci jitwahhlu ma' van Ford Escort meta dawn jew din il-pjanca ma kinux jirreferu jew jappartjenu ghal dan il-van partikolari;
5) u aktar tali fl-istess perjodu ta' zmien naqas li jaghti lura lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta l-pjanci tar-registrazzjoni DAT 306, propjeta' ta' l-istess Awtorita', meta din il-vettura msemmija giet iggaraxxjata ghall-perjodu ta' zmien jew skrappjata (Reg 34 (6) A.L. 476/04);

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'hames akkuzi li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 476 tal-2004 u cioe' ir-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u il-Licenzjar dwar il-Vetturi bil-Mutur liema regolamenti dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2004 u dana kif dispost fir-Regolament 1(2) tal-istess Avviz Legali;

L-imputat jinsab akkuzat taht dawn ir-regolamenti li naqas milli jaghti avviz fi zmien sebat ijiem bil-miktub lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-bejgh tal-vettura tal-ghamla Diahatsu u li naqas li jghaddi lill-istess Awtorita' l-formola dwar it-trasferiment tal-vetturi li tinsab mac-

certifikat tar-registrazzjoni tal-vettura u kif ukoll illi naqas milli jinforma minnufih lill-Awtorita in kwistjoni u jikkonsenja ic-certifikat tal-vettura meta dina giet meqruda jew zarmata;

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat xtara l-vettura tal-ghamla Diahatsu bin-numru ta' registrazzjoni DAT 306 minghand George Cutajar madwar ghaxar (10) snin ilu. Xi zmien wara u ghalhekk ukoll madwar ghaxar (10) snin ilu, l-imputat biegh dina l-vettura lil certu Noel Sultana mix-Xaghra bhala scrap minghajr pjanci u minghajr log book. Fil-fatt dana Noel Sultana jghid illi l-vettura zarmaha u biegh il-parts taghha;

Minn dina l-esposizzjoni tal-fatti jirrizulta ghalhekk illi l-bejgh sar mhux fid-data indikata fl-akkuza izda snin qabel u cioe' ghall-habta tas-sena 2000 jekk mhux qabel. Allura meta sar l-bejgh tal-vettura kemm minn Cutajar lil Galea kif ukoll sussegwentement minn Galea lil Sultana, l-Avviz Legali in kwistjoni li tahtu l-imputat jinsab akkuzat kien ghadu ma jezistix! Kwindi l-imputat qatt ma seta' jigi akkuzat illi naqas milli josserva regolamenti li fiz-zmien li sehh ir-reat kienu ghadhom ma jezistux. Semmai huwa messu gie akkuzat taht id-disposizzjonijiet tal-ligi li kienu vigenti f'dak iz-zmien;

Ghaldaqstant l-imputat qatt ma jista' jinstab hati bi ksur tar-regolamenti li jinsabu fl-Avviz Legali 476 tal-2004 u dana ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u l-Qorti ghalhekk qed tilliberah minn dawn l-akkuzi;

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi ppermetta illi l-pjanci ta' registrazzjoni DAT 306 jitwahhlu fuq vettura ohra tal-ghamla Ford Transit, meta dawn il-pjanci ma kinux jappartjenu lil dina l-vettura. Illi mill-provi migjuba f'dina l-kawza jirrizulta illi fil-fatt kien iben l-imputat illi ghadda il-pjanci ta' registrazzjoni in kwistjoni lil Joseph Farrugia li xtara dana l-Ford Transit u mhux l-imputat. Illi ghalhekk l-imputat ma kienx a konoxxenza ta' dan kollu u ghalhekk qatt ma jista' jinstab hati illi ppermetta li jitwahhlu dawn il-pjanci fuq vettura ohra;

Illi madanakollu l-istess ma jistax jinghad dwar l-ahhar akkuza. Jidher illi l-pjanca ta’ registrazzjoni DAT 306 kienet ilha snin twal fil-garaxx tal-imputat meta l-vettura mhux biss kienet giet skrappjatha izda kien ilu li bieghha ghall-iscrap ‘il fuq minn disa’ (9) snin ilu. Ghaldaqstant dina l-akkuza tirrizulta ppruvata;

Ghaldaqstant l-Qorti, wara li rat ir-Regolament 34(6) tal-Avviz Legali 476 tal-2004, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel erba’ akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-ahhar akkuza u tikkundannah ammenda ta’ hamsin ewro (€50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------